## BLITZED LOCALITY

*Hawn jgħammru l-ħajjin*
*Fl-għamara tal-mejtin.*

*Ħalli 'l riġlejk b'ritmu jtambar*
*Iħarrkuk tul trejqat f'masġar*
*Ta' ħitan li ż-żmien żeba'*
*Bil-griż tax-xjuħija.*
*Mogħdijiet imtarrġa*
*Iwasslu f'wisgħat imtaqqla*
*B'uċuħ ta' ħaġar maqlugħ u*
*Xeblik ta' ħadid*
*Fl-ajru.*
*Il-baħar, ħars ma jinfedx:*
*Jilgħaq b'ċafċif kiebi ż-żlieq*
*Tal-moll, u minn wiċċ żejtni*
*Jirrifletti f'mitt lewn*
*Id-dawl tax-xemx.*

*B'riġlejn rotob tkemmix l-art xiħa*
*Imellsu t-tfal: għajnejn ċirki*
*Jixorbuk, jgħaxxu l-qalb u*
*Jġiegħlu l-ħsieb bħal radar*
*Itektek f'ilmijiet imċajpra.*
*Għalihom ċiviltà saħħa ma tħennx u*
*T-tama bħal ħwejjiġhom niedja*
*Tperper minn twieqi li jaraw biss*
*Ħitan mixquqa u fejn bħal skeletri*
*Preistoriċi, il-"cranis" inikktu l-post.*

*Il-lejl idewweb fid-dlam*
*Ix-xfar li jżarrdu r-ruħ.*
*Minn ħajt waħdu wieqaf, is-sema*
*Jittawwal skantat*
*Fuq namrati li jġeddu s-sengħa*
*Tat-tnissija. Bħal "searchlight" mimdud*
*Tirtogħod fil-baħar ix-xbieħa tad-dawl*
*Eletriku, u b'saba' nervuż*
*Tħokk is-swar tan-naħa l-oħra.*
*U darb'oħra tidwi s-sirena*
*Minn ħalq qattus newwieħi*
*Qalb il-ħerba.*

28/IV/52 — JOEPH MEJLAK